

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/204**tas-6 ta' Frar 2015**

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE rigward l-entrata għall-Kanada fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom, li minnhom l-introduzzjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'zieaq tal-awrina u msaren ittrattati lejn l-Unjoni hija awtorizzata fir-rigward ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja

*(notifikata bid-dokument C(2015) 554)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produttjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽²⁾ tistipula r-regoli tas-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, b'zieaq tal-awrina u msaren ittrattati ("il-prodotti").
- (2) Il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tiddekrivi ż-żoni tal-pajjiżi terzi li għalihom, l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti hija ristretta għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, u li għalihom tiġi applikata r-reġjonalizzazzjoni. Il-Parti 2 ta' dak l-Anness tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew ta' partijiet tagħhom, li minnhom l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti hija awtorizzata, kemm-il darba l-prodotti jkun sarilhom it-trattament rilevanti, kif stipulat fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.
- (3) Il-Kanada hija elenkata fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala awtorizzata, *inter alia*, li tintroduċi fl-Unjoni prodotti miksuba minn tjur, annimali bir-rix imrobbijin fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, li għaddeh minn trattament mhux speċifiku, kif stipulat fil-Parti 4 ta' dak l-Anness, ("trattament A") bil-kundizzjoni li l-laħam li minnu jkunu ġew manifatturati l-prodotti, ikun konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal-laħam frisk inkluż l-oriġini tiegħu minn pajjiżi terzi jew partijiet tiegħu li jkunu ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) kif previst fil-mudell taċ-ċertifikat li jidher fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.
- (4) Ftehim bejn l-Unjoni u l-Kanada ⁽³⁾ jipprovdi li jintlaħaq rikonossiment reċiproku malajr tal-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni fil-każ ta' tifqigħat ta' mard fl-Unjoni jew fil-Kanada ("il-Ftehim").
- (5) F'impriżi agrikoli tat-trobbija tat-tjur fil-provinċja tal-British Columbia fil-Kanada, ġew ikkonfermati tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N2.
- (6) It-trattament A mhuwiex biżżejjed biex jelimina r-riskji għas-saħħa tal-annimali marbuta mal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti miksuba minn tjur, għasafar li ma jturux imrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, meta titqies il-qagħda epidemjoloġika attwali tal-HPAI fil-Kanada. Tal-inqas, dawk il-prodotti għandhom jgħaddu mit-"trattament D", kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE ("trattament D"), għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-vajrus HPAI fl-Unjoni.
- (7) Il-Kanada bagħtet informazzjoni, li ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni, dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħha u l-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid ta' HPAI. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, kif ukoll l-impenji stabbiliti fil-Ftehim u l-garanziji pprovduti mill-Kanada, huwa xieraq li jiġi konkluż li r-rekwiżit għat-trattament D għandu jkun biżżejjed biex ikopri r-riskji assoċjati mal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti miksuba

⁽¹⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-b'zieaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

⁽³⁾ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada rigward miżuri sanitarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali fir-rigward tal-kummerċ f'annimali haġġin u prodotti mill-annimali kif approvat fisem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE (ĠU L 71, 18.3.1999, p. 3).

minn laħam tat-tjur, għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi miż-żona affettwata, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħat attwali ta' HPAI. Għalhekk il-Parti 2 u l-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandhom jiġu emendati.

- (8) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ANNEX II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE hu emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE hu emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1, l-entrata li ġejja għall-Kanada tiddaħħal bejn l-entrata għall-Brażil u l-entrata għaċ-Ċina:

"Il-Kanada	CA	01/2014	Il-pajjiż kollu
	CA-1	01/2014	Il-pajjiż kollu tal-Kanada, ħlief iż-żona CA-2
	CA-2	01/2014	Iż-żona tal-Kanada deskritta bħala 'Żona Ta' Kontroll Primarju' li tinsab fil-konfini li ġejjin: — fin-naħa tal-Punent, l-Oċean Paċifiku — fin-Nofsinhar, il-fruntiera mal-Istati Uniti tal-Amerika — fin-naħa tat-Tramuntana, l-Awtostrada 16 — fin-naħa tal-Lvant, il-fruntiera bejn il-Provinċji tal-British Columbia u Alberta"

(2) Fil-Parti 2, l-entrata għall-Kanada tinbidel b'dan li ġej:

"CA	Il-Kanada CA	A	A	A	A	XXX	XXX	A	A	A	XXX	A	XXX	A
	Il-Kanada CA-1	A	A	A	A	A	A	A	A	A	XXX	A	A	A
	Il-Kanada CA-2	A	A	A	A	D	D	A	A	A	XXX	A	D	A"